MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Numru 156/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Magri)**
**(Sp. Christopher Pullicino)**

**v**

**Belgacem Merabet ta’ 26 sena bin Larbi u Khadidja nee Bekari mwieled fl-Algeria fil-11 ta’ Novembru, 1979 u li fil-prezent residenti gewwa l-Facilia’ Korrettiva ta’ Kordin, detentur tal-passaport bin-numru 3228924**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Belgacem Merabet li gie akkuzat talli fit-12 ta’ Frar, 2006 ghall-habta tat-3.30 ta’ wara nofsinhar bhala prigunier harab minn post ta’ kustodja u cioe mill-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin bi ksur tal-post imsemmi.

Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara,jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fis-sistema tas-igurta’ ta’ l-istess Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin liema hsara tammonta ghal aktar minn ghaxar liri Maltin (Lm 10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm 50) u li sar ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta.

Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe ghamel hsara fuq il-vettura ta’ l-ghamla Peugeot 205 bin-numru ta’ registrazzjoni KAT-771 ghad-dannu ta’ Lorrain Cassar mill-Isla u/jew perusni ohra, liema hsara ammona ghal izjed min hamsin lira Maltin (Lm 50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm 500).

Talli fit-18 ta’ Frar, 2006 ghall-habta tad-9.00 ta’ filghaxija fil-Fgura kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu sikkina bix-xafra u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-artikoli taht liema kien mahsub li tista’ tinstab htija ta’l-akkuzat u cioe:

(a) l-artikoli 151 u 160 tal-Kodici Kriminali
(b) l-artikoli 152 u 160 tal-Kodici Kriminali
(c) l-artikoli 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali
(d) l-artikoli 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali
(e) l-artikolu 13(1) tal-kapitlu 66
(f) l-artikolu 533, 532A u 532B tal-Kodici Kriminali

Rat il-kunsens tal-imputat ghal proceduri sommarji.

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni minnu registrata wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jahseb fuq l-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi rrizultaw is-segwenti fatti:

(a) l-akkuzat kien mizmum fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin taht arrest preventiv, vide xhieda ta' l-Ispettur Nezren Grixti u d-dok RZ folio 63.
(b) Illi huwa harab mill-istess facilita' u gie maqbud minn diversi ufficjali ta'l-istess SRT, Daniel Cuschieri u Dennis Thirton
(c) Illi biex effettwa l-harba ex admissis (vide stqarrija folio 16) Belgacem Merabet, l-akkuzat skala l-hajt ta'l-istess failita', kif ukoll, ghalkemm mhux minnu ammess ikkaguna hsara fir-razor ribbon cirkondanti l-istess hitan. Din il-hsara skon ix-xhied ta' Christopher DArmanin folio 230. Din il-hsara ammontat ghal sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm 26) Dok CB folio 232.
(d) Mela l-istess akkuzat qabez minn fuq il-hajt ta' l-istess habs u gie fuq vettura KAT-771. Xehdet Lorraine Cassar li xehdet li l-vettura hija ghalkemm mhux fuqha rregistrata skond ix-xhieda tar-rapprezentat tad-Direttur tal-Licenzji, illi l-hsara fuq l-istess vettura kienet tammont ghal sebghin lira Maltin (Lm 70). Vide rcevuta Dok LC folio 118 u 119. Din il-hsara saret meta l-akkuzat qabez, biex jahrab fuq il-bonnet ta' l-istess vettura.
(e) Darba li gie maqbud kfi gie msemmi fuq il-persuna ta'l-akkuzat instabet sikkina.

Illi konsiderando l-ammissjoni ta' l-istess imputat, kif ukollil-fatti kif riprodotti in succint u wara li l-Qorti rat l-artikoli mibghuta u cioe 151, 152, 160, 325, 533 tal-kapitlu 9 qed issibu hati ta' l-istess, tqis ukoll illi huwa hati taht l-artikolu 13 tal-Kapitlu 66.

Dwar il-piena rat il-fedina penali ta' l-akkuzat li hija ghal kollox netta. Pero kkunsidrat ukoll illi minn records telefonici l-istess akkzuat kien qieghed jippjana sew din il-

harba, ara f'dan ir-rigward Dok GB folio 189, Dok JV Dok 219. Tqis ghaldaqstant illi huwa ghandu jbati piena karcerarja ta' sentejn, tent kont cirka ta' l-impatt negattiv li harba bhal din ghandha fuq is-socjeta'.

Rat l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 u tikkundannah ihallas is-somma ta' mija u erba' liri u hamsin centezmu (Lm 104.50) bhala spejjez peritali ekwivalenti ghal mitejn u tlieta u erbghin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€243.42) li ghandhom jithallsu sakemm tigi skontata l-piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------